

tal-ammont tal-kumpens), huwa kuntrarju għad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari għall-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva (Direttiva 72/166/KEE) ⁽¹⁾, l-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva (84/5/KEE) ⁽²⁾ u l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva (90/232/KEE) ⁽³⁾, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej?

- ⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10)
- ⁽²⁾ It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3)
- ⁽³⁾ It-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249)

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Guimarães (il-Portugal) fis-17 ta' Ġunju 2010 — Vítor Hugo Marques Almeida vs Companhia de Seguros Fidelidade-Mundial SA, Jorge Manuel da Cunha Carvalheira, Paulo Manuel Carvalheira, Fundo de Garantia Automóvel

(Kawża C-300/10)

(2010/C 234/42)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação de Guimarães

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Vítor Hugo Marques Almeida

Konvenuti: Companhia de Seguros Fidelidade-Mundial SA, Jorge Manuel da Cunha Carvalheira, Paulo Manuel Carvalheira, Fundo de Garantia Automóvel.

Domandi preliminari

- (a) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1) tal-Ewwel Direttiva (72/166/KEE ⁽¹⁾), 2(1) tat-Tieni Direttiva (84/5/KEE ⁽²⁾) u 1 u 1a tat-Tielet Direttiva (90/232/KEE ⁽³⁾) għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu lid-dritt ċivili nazzjonali, b'mod partikolari permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli

503(1), 504, 505 u 570 tal-Código Civil (Kodiċi Ċivili) milli jimponi li f'każ ta' ħabta bejn żewġ vetturi, fejn il-fatt mhuwa imputabbli fuq l-ebda wieħed mis-sewwieqa minħabba tort, li tagħat lok għal danni fiżiċi lill-passiġġier ta' waħda minn dawn il-karozzi (il-persuna ddanneġġjata li qed titlob kumpens), il-kumpens li dan il-passiġġier jitlob jiġi rrifjutata jew limitat minħabba li l-imsemmi passiġġier kien ikkontribwixxa għall-ħolqien tad-danni, sa fejn fil-karozza kien bil-qegħda ħdejn ix-xufier, mingħajr ma libes iċ-ċinturin tas-sigurtà, kif rikjest mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?

- (b) Filwaqt li ntweri li meta grāt il-ħabta bejn iż-żewġ vetturi involuti, il-passiġġier ħabat rasu bil-qawwa mal-windskrin, tant li kissirha, u b'hekk kellu diversi qtugħ fondi f'rasu u f'wiċċu?
- (c) U fid-dawl tal-fatt li, peress li waħda mill-vetturi involuti ma kinitx koperta b'assigurazzjoni valida u effettiva ma' xi assigurat meta seħħ l-inċident, huma konvenuti fl-azzjoni, minbarra l-assigurat tal-vettura l-oħra involuta, is-sid tal-vettura mingħajr assigurazzjoni, ix-xufier tagħha u l-Fundo de Garantia Automóvel (il-Fond ta' Garanzija tal-Karozzi), li, sa fejn hija involuta responsabbiltà oġġettiva, jistgħu jkunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-imsemmi kumpens?

- ⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10)
- ⁽²⁾ It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3)
- ⁽³⁾ It-Tielet Direttiva Tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249)

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-305/10)

(2010/C 234/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Peere u M. van Beek, aġenti)